MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru 199/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Giuseppi Demicoli**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Giuseppi Demicoli ta' 60 sena, bin Carmelo u Giuseppa nee' Scerri, imwieled Zabbar fis-17 ta' Jannar 1950 u residenti f' 139, Triq Biccieni, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 68150(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F' dawn il-Gzejjer, fid-9 ta' Gunju 2007 jew f'xi perjodu qabel, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserrixxa jew ikkonferma li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux

xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tezercita dik l-influwenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 9 ta’ Frar 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta’ April 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-12 ta’ April 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet, l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa li xehed fi proceduri kontra terzi nonostante li kien hemm il-possibilita’ li jinkrimina ruhu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 121A(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’

Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------